MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 240/2004

**Il-Pulizija**

**(Supt. Neil Harrison)**

**(Spettur N. Ciappara)**

**(Spettur Abraham Zammit)**

**Vs**

**Claire Farrugia**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Dicembru, 2002 :**

**a) fornit jew ipprokurat jew offrit li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma' kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma' kella licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija w minghajr ma' kella licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**b) ukoll talli, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkagunat il-mewt ta' Leonard Magro ta' 19-il sena mwieled Pieta' fit-28 t'Ottubru 1983, iben Anthony u Carmen nee' Zammit, detentur ta' karta ta' l-identita' 546583(M);**

**c) talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Dicembru, 2002 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel dina d-data kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienitx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma' kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi**

**ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**d) u aktar talli fit-2 ta' Dicembru u matul dawn l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, l-artikolu 225 tal-Kap. 9, l-artikolu 29 tal-Kap. 101, l-artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja w ikkundannata ghal piena karcerarja ta' erba' snin u ghal multa ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500). Il-qorti ordnat li ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja l-arrest preventiv kif ukoll id-distruzzjoni ta' kwalunkwe oggett esebit in konnessjoni mad-droga jew l-uzu taghha u wara li rat l-artikolu 14 tal-Kap. 9, ikkoncediet lil Claire Farrugia li thallas il-multa b'rati mensili ghal zmien sena.
Il-Qorti wkoll irrakkomandat lid-Direttur tal-Habs li Claire Farrugia tinghata kull ghajnuna possibbli anke bil-fakulta' li ssegwi kull programm addattat ghaliha kontra l-"addiction" taghha ghad-droga.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2004, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika l-imsemmija sentenza billi filwaqt li thassarha u tirrevokaha sa fejn sabitha hatja tal-ewwel akkuza, senjatament ghal dik tat-traffikar ta' droga w minnha tehlisha w tilliberaha, tikkonfermaha ghall-bqija. B'riserva cara li jitressqu dawk il-provi kollha permessibbli mill-Ligi fi stadju ta' appell.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat li l-aggravji tal-appellanti fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- li dan l-appell li huwa biss mis-**

**sejbien ta' htija dwar l-ewwel akkuza, huwa bazat fuq il-fatt li bil-mod li l-appellanti ws l-mejjet Leonard Magro gew fil-pussess tad-droga in kwistjoni ma jirrikorrux l-estremi w ingredjenti guridici biex tigi sorretta din l-akkuza u ghalhekk l-appellanti ma kellhiex tigi misjuba hatja ta' traffikar. Illi d-decizjoni** "Il-Pulizija vs. Ryan Galea" **[25.11.99] issib l-applikazzjoni taghha f' dan il-kaz. Illi kien l-istess Magro li pprecipita dan l-avveniment meta ghazel li jmur ghand l-appellanti proprju bl-iskop li hi takkwista bi flusu sustanza biex jaqsmuha flimkien u fil-fatt lill-Ewwel Qorti rrizultalha li t-tnejn iddecidew flimkien li jiehdu d-droga ; li Magro ghaddhielha l-flus biex l-appellanti setghet takkwista dis-sustanza w li kien hu stess li gab is-siringi. Kien ukoll maghha fil-vicinanzi jistenniha meta akkwistat id-droga. Ghalhekk Magro kien komplici maghha kemm fl-akkwist kif ukoll biex ittiehdet is-sustanza. Li ghalkemm hu minnu li l-appellanti fl-istqarrija taghha semmiet li hi amministrat id-droga lil Magro , il-kelma "amministrazzjoni" trid tittiehed fil-kuntest ta' kif graw l-affarijiet . Fil-ligi ma hemmx definizzjoni ta' amministrazzjoni u ghalhekk ghandha tinghata definizzjoni restrittiva w mhux wahda ghal kollox wiesgha. Illi anki jekk l-appellanti setghet injettat is-sustanza lil Leonard Magro , dan il-fatt ghandu jittiehed fid-dawl li s-sustanza giet ko-akkwistata u allura mhux b'konsegwenza tar-reat ta' traffikar . Dan ifisser li l-appellanti ma amministratx fis-sens tekniku li trid il-kelma izda kien hemm kontinwazzjoni t' avvenimenti li beda mill-fatt li Magro kien , flimkien mall-appellanti, qieghed ihejji biex jikko-akkwista din is-sustanza w s-sensiela ta' avvenimenti kellhom trajjettorja wahda – li jakkwistaw <u>flimkien</u> u jiehdu <u>flimkien</u> din is-sustanza . Di fatti hu rilevanti li kien Magro li gab is-siringi w anki rabat idejh.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat in-Nota tal-appellanti tal-14 ta' Frar, 2005 li biha ddikjarat li ma skopriet ebda riferenza ghall-punt kontrovert u ghalhekk kienet qed tistrieh fuq it-trattazzjoni verbali li saret fl-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2005.**

**Ikkonsidrat;**

**Li dan l-appell hu limitat ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar. Illi l-artikolu 22(1B) tal-Kap.101 jghid testwalment hekk :-**

"Ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza il-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b' riferenza ghal traffikar f' medicina , tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoini f' dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni , il-produzzjoni , l-amministrazzjoni , il-provvista , li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti , u l-ghoti t' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza : "

**Issa hu minnu li l-kelma *"amministrazzjoni"* ma hix definita fl-istess Ordinanza w ghalhekk ghandhom japplikaw il-konnotati w sinifikat li normalment jistghu jinghataw lil din il-kelma. Issa fil-lingwa franka Maltija hemm distinzjoni bejn il-kelma "tamministra" u l-kelma "tissomministra". Fil-waqt li ta' l-ewwel tfisser tmexxija , gestjoni , kmand , tittutela , ecc. it-tieni ghandha l-konnotazzjoni preciza ta' wiehed li jaghti medicina jew duwa lil xi persuna ohra . Ghalhekk il-kelma *"amministrazzjoni"* fit-test Malti u *"administration"* fit-test ingliz tal-artikolu 22(1B) ma jidhirx li ghandha s-sinifikat li wiehed fizikament** jissomministra **droga jew sustanza perikoluza lill-haddiehor , bhal per ezempju jinjettah biha jew ipoggihielu quddiem imniffsejh biex jassorbiha b' dak il-mod, imma li wiehed ikun qed imexxi jew jidderigi l-ispacc jew in-negozju tad-droga. Anki mill-fatt li din il-kelma : "*l-amministrazzjoni*" tinsab bejn il-kliem "il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni , il-**

**produzzjoni " u il-kelma "il-provvista" jidher li hawn il-legislatur qed jirriferi ghall-xi att ta' organizzazzjoni jew gestjoni ta' xi operazzjoni ta' negozju ta' droga u mhux is-semplici somministrazzjoni tal-istess minn persuna ghall-ohra li jkunu f' relazzjoni ta' hbiberija jew intimita'.**

**Illi bhala fatti skond is-sentenza appellata rrizulta li kien hemm tip ta' relazzjoni intima bejn il-mejjet Leonard Magro u l-appellanti . Li wara lejl ma shabu w wara li anki kien ikkonsma xi pillola extasy, Magro, kmieni fis-sieghat ta' filghodu talab lil kuginuh jiehdu ghand l-appellanti. L-ghada filghodu l-appellanti w Magro marru fid-Detox fejn l-appellanti giet moghtija il-metadone minnhabba l-addiction taghha fuq l-eroina . Wara it-tnejn iddecidew li jehdu d-droga eroina. Xtraw l-istess eroina bi flus Magro tant li dan gibed xi flus mill-ATM u ta LM10 lill-appellanti biex biha tixtri l-istess droga w fil-fatt kienet l-appellanti li ghamlet l-akkwist u x-xiri tal-istess. Magro pero' gab is-siringi . Reghu marru ghand l-appellanti *"li wara li lestiet id-droga,*** *amministrat* ***id-droga kemm lilha nnifisha kif ukoll lil Magro*"**. Wara ftit minuti , Magro sar blu w intilef minn sensieh. Dan kien ghall-habta ta' nofs in-nhar . Sakemm talbet l-ghajnuna lil kugin ta' Magro f' xit-8 pm, l-appellanti tat lil Magro *"dik il-kura li deherilha xierqa hi u cioe' xarrbitu u*** *amministratlu* ***intra vines soluzzjoni tal-melh u ilma."***

**Illi ghalhekk bil-fatt li l-appellanti attwalment setghet kienet hi li injettat id-droga f' gisem il-mejjet Magro ma jidhirx li dan l-att per se jammonta ghall-*"amministrazzjoni*" ta' droga li jissemma fid-definizzjoni ta' traffikar skond il-Kap.101. Jidher li l-Ewwel Qorti uzat il-kliem "*amministrat"* u *"amministratlu*" fis-sens ta' "issoministrat" u "issoministratlu" , li pero' mhux is-sinifikat ordinarju w korrett li ghandha l-kelma.**

**Illi mbaghad id-difiza ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Ryan Galea" **[25.11.1999] , fejn il-fattispecji**

**kienu alkwantu analogi, jekk mhux addirittura identici ghal-kaz in dizamina. Di fatti kif qalet din il-Qorti f’ dik is-sentenza si trattava ta’ kaz fejn kemm l-appellant f’ dik il-kawza kif ukoll it-tfajla tieghu kienu ddecidew li jixtru d-droga flimkien . Il-flus sabiex tinxtara d-droga hargithom it-tfajla tal-appellant. Meta huma marru bil-car ta’ dak l-appellant u waqfu biex jixtru d-droga dak li bieghilhom id-droga mar hdejn is-sewwieq u fizikament id-droga ghaddiet l-ewwel f’ idejn dak l-appellant . Hu hallas bi flus li tatu l-gharusa tieghu w meta ha d-droga hu ghaddhielha parti minnha , stante li d-droga mixtrija minnhom flimkien kienet intiza ghat-tnejn li huma.**

**Meta laqghet l-appell u rrevokat id-dikjarazzjoni ta’ htija tal-akkuza ta’ traffikar f’ dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti diversament preseduta qalet testwalment hekk :-**

*“…dawn il-fatti ma jwasslux sa l-estremi ta’ traffikar tad-droga da parti tal-appellant. Mhux kaz ta’ “sharing” tad-droga fis-sens li hu biss gja kellu d-droga , kien xtraha jew ottjeniha hu biss u ta minnha lil terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta’ droga , izda semplicement ta’ pussess illegali taghha.”*

**Illi mill-gurisprudenza johrog car li biex ikun hemm is-“*sharing”* li jammonta ghal traffikar irid ikun hemm il-fattispecji li wiehed** ikollu **d-droga w jaqsamha ma xi hadd jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha anki minghajr hlas jew korrispettiv (App. Krim.** “Il-Pulizija vs. Marvan Cachia**” [26.8.98] ,** “Il-Pulizija vs. Martin Pirotta” **[15.12.98] u** “Il-Pulizija vs. David Gatt” **[11.4.2002] u ohrajn). Imma d-droga l-ewwel trid tkun ghandu, mbaghad jaqsamha ma jew jikkonsenja lil haddiehor. Issa fil-kaz in ezami id-droga ghalkemm fizikament inghatat f’ idejn l-appellanti mit-traffikant , kienet qed tinxtara flimkien ma Magro u bi flus Magro stess , li ukoll gab is-siringi biex id-droga tkun tista’ tigi somministrata lilu. Ghalhekk hawn kien hawn ko-akkwist minn Magro u l-appellanti .**

**Din il-Qorti ghalhekk tara li l-fattispecji tal-kaz in dizamina jinkwadraw ruhom kwazi b' mod identiku mall-kaz ta'** Ryan Galea **u ghall-istess ragunijiet tirritjeni li bil-fatt innifsu li l-appellanti injettat lin-namrat taghha bi droga li huma kienu akkwistaw flimkien sahansitra bil-flus tal-istess namrat taghha li kien ukoll gab mieghu s-siringi , kif irrizulta lill-Ewwel Qorti , ma jissusstix ir-reat ta' traffikar izda dak biss ta' pussess.**

**Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti jidher gustifikat u l-appell taghha ghandu jigi milqugh.**

**Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni li forniet jew ipprokurat id-droga eroina u in kwantu kkundannatha ghall-piena komplessiva ta' erba snin prigunerija u ghall-multa ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500) u minnflok issibha hatja biss ta' pussess tal-istess droga skond it-tielet imputazzjoni, a tenur tal-artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kap.101 u tikkundannaha ghall-piena komplessiva ta' tlitt (3) snin prigunerija w multa ta' elf lira Maltin (LM1000) w tikkonfermaha fil-kumplament taghha w cioe' fejn sabet htija skond it-tieni imputazzjoni ta' omicidju involontarju , fejn iddikjarat li l-appellanti kellha tibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101, fejn irrakkomandat lid-Direttur tal-Habs li l-appellanti tinghata kull ghajnuna possibbli anki bil-fakolta' li ssegwi programm addattat ghaliha kontra l-addiction mid-droga , kif ukoll li thallas il-multa (anki kif issa ridotta b' din is-sentenza) b' rati mensili ghal zmien sena.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------